SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

13 ta' April 2010 *

Fil-Kawża C-91/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Frar 2008, fil-proċedura

Wall AG

vs

Stadt Frankfurt am Main,

Frankfurter Entsorgungs- und Service (FES) GmbH,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

fil-preżenza ta':

Deutsche Städte Medien (DSM) GmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues (Relatur), K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, R. Silva de Lapuerta u C. Toader, Presidenti ta' Awla, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Schiemann, J. Malenovský, A. Arabadjiev u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Ġunju 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Wall AG, minn H.-J. Otto, avukat, kif ukoll minn C. Friese u R. von zur Mühlen, Justitiare,

— għall-iStadt Frankfurt am Main, minn L. Horn u J. Sommer, avukati, kif ukoll minn B. Weiß, Justitiar,

— għal Frankfurter Entsorgungs- und Service (FES) GmbH, minn H. Höfler, avukat,

— għal Deutsche Städte Medien (DSM) GmbH, minn F. Hausmann u A. Mutschler-Siebert, avukati,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Daniż, minn B. Weis Fogh, bħala aġent,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u Y. de Vries, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn M. Fruhmann, bħala aġent,

— għall-Gvern Finlandiż, minn A. Guimaraes-Purokoski, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Ossowski, bħala aġent, assistit minn J. Coppel, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn D. Kukovec, B. Schima u C. Zadra, bħala aġenti,

— għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, minn N. Fenger u B. Alterskjær, kif ukoll minn L. Armati, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 12 KE, 43 KE u 49 KE, tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, kif ukoll tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom, fil-konfront tal-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Wall AG (iktar 'il quddiem "Wall") u l-iStadt Frankfurt am Main (iktar 'il quddiem l-"iStadt Frankfurt" dwar l-għoti ta' konċessjoni ta' servizzi marbuta mal-esplojtazzjoni u l-manutenzjoni ta' ċerti latrini pubbliċi fit-territorju ta' din il-belt.

Il-kuntest ġuridiku

3 Id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE, tal-25 ta' Ġunju 1980, fuq it-trasparenza fir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll fuq it-trasparenza finanzjarja f'ċerti impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 20), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/52/KE, tas-26 ta' Lulju 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 11), tipprovdi, fl-Artikolu 2 tagħha:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

[…]

(b) 'impriża pubblika' tfisser kull impriża li fiha l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw direttament jew indirettament influwenza dominanti bis-saħħa tal-pussess li għandhom fiha, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha;

[…]

2. Influenza dominanti mill-parti ta' l-awtoritajiet pubbliċi tkun meqjusa meta dawn l-awtoritajiet, direttament jew indirettament rigward impriżi:

(a) ikollhom il-biċċa l-kbira tal-kapital sottoskritt ta' l-impriżi; jew

(b) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti marbutin ma' l-azzjonijiet maħruġa mill-impriżi; jew

(ċ) jistgħu jaħtru iktar minn nofs il-membri tal-korp amministrattiv, tat-tmexxija jew tas-superviżuri ta' l-impriżi."

4 Skont l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [kuntratti pubbliċi għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 322), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE, tat-13 ta' Settembru 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 94, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 92/50"):

"b) l-awtoritajiet kontraenti għandhom ifissru l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, korpi rregolati mil-liġi pubblika, assoċjazzjonijiet iffurmati minn waħda jew iktar minn dawn l-awtoritajiet jew korpi regolati mil-liġi pubblika.

Korp irregolat mil-liġi pubblika jfisser kwalunkwe korp:

— stabbilit għall-iskop speċifiku li jissodisfa bżonnijiet fl-interess ġenerali, li m'għandux karattru industrijali jew kummerċjali,

u

— li jkollu personalità ġuridika

u

— iffinanzjat, fil-parti l-kbira, mill-Istat, jew awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħrajn irregolati mil-liġi pubblika; jew soġġett għal sorveljanza ta' amministrazzjoni minn dawk il-korpi; jew li jkollu bord amministrattiv, ta' tmexxija jew ta' sorveljanza, li iktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu maħtura mill-Istat, mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew minn korpi oħrajn irregolati mil-liġi pubblika.

[…]"

5 L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, provvisti u servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132), jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal konċessjonijiet ta' servizz kif definit fl-Artikolu 1(4)."

6 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 80(1) tad-Direttiva 2004/18 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji li jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2006. Huma għandhom minnufih jinfurmaw il-Kummissjoni tagħhom [dwarhom]."

7 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 82 ta' din id-direttiva:

"Id-Direttiva 92/50/KEE, ħlief għall-Artikolu 41 tagħha, u d-Direttivi 93/36/KEE u 93/37/KEE għandhom jiġu mibdula b'effett mid-data esibita fl-Artikolu 80, mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskadenzi għat-trasposizzjoni u l-applikazzjoni ddikjarati fl-Anness XI."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Wall tiġġestixxi spazji pubbliċitarji fit-toroq u f'postijiet pubbliċi u, għal dan il-għan, hija twettaq attivitajiet, b'mod partikolari, ta' produzzjoni, installazzjoni, manutenzjoni u tindif ta' latrini pubbliċi.

9 Frankfurter Entsorgungs- und Service GmbH (iktar 'il quddiem "FES") hija kumpannija b'responsabbiltà limitata, persuna ġuridika taħt id-dritt privat, li skont l-istatut tagħha l-attivitajiet tagħha jikkonċernaw ir-rimi u l-ġestjoni tal-iskart, it-tindif urban kif ukoll is-sigurtà taċ-ċirkolazzjoni, attivitajiet li hija twettaq f'isem awtoritajiet pubbliċi u persuni privati. L-iStadt Frankfurt għandha sehem ta' 51 % f'FES, filwaqt li d-49 % l-oħra huma miżmuma minn impriża privata. Id-deċiżjonijiet ta' FES huma adottati mil-laqgħa ġenerali b'maġġoranza ta' tliet kwarti mill-voti f'din il-laqgħa. Minn fost is-sittax-il membru tal-bord ta' superviżjoni ta' FES, nofshom huma maħtura mid-detenturi tal-ishma. L-impjegati jaħtru tmien membri u kull wieħed miż-żewġ detenturi msemmija jaħtar erba' membri. L-iStadt Frankfurt għandha d-dritt tipproponi kandidat għall-pożizzjoni ta' president tal-bord ta' superviżjoni, li l-vot tiegħu jkun vot deċiżiv fil-każ li n-numru ta' voti jkunu ndaqs. FES timpjega madwar 1 400 impjegat, u madwar 800 minnhom huma assenjati għal attivitajiet li jikkonċernaw l-iStadt Frankfurt.

10 FES għandha dħul mill-bejgħ nett ta' EUR 92 miljun minn attivitajiet marbuta mal-iStadt Frankfurt u ta' EUR 52 miljun minn attivitajiet marbuta ma' persuni oħra

rregolati mid-dritt pubbliku u mid-dritt privat. Id-dħul mill-bejgħ nett miksub minn FES minn attivitajiet marbuta mal-iStadt Frankurt fl-2005, EUR 51.3 miljun kienu minn rimi ta' skart u EUR 36.2 miljun mit-tindif urban.

11 Fit-18 ta' Diċembru 2002, l-iStadt Frankfurt nediet sejħa, permezz ta' "pubblikazzjoni volontarja fuq livell tal-Unjoni Ewropea" li dehret fil-ġurnal uffiċjali ta' din il-belt, għal kandidaturi għal kompetizzjoni dwar kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi marbut mal-esplojtazzjoni, il-manutenzjoni, il-manutenzjoni ta' kuljum u t-tindif ta' ħdax-il lattrina pubblika urbana għal perijodu ta' sittax-il sena. Tnejn minn dawn il-ħdax-il lattrina, jiġifieri dawk li jinsabu fl-istazzjonijiet ferrovjarji ta' Rödelheim u ta' Galluswarte, kellhom jinbnew mill-ġdid. Il-korrispettiv għal dawn is-servizzi kien limitat għad-dritt li jintalab ħlas għall-użu ta' dawn il-faċilitajiet kif ukoll għad-dritt li jiġu esplojtati, matul il-perijodu tal-kuntratt, l-ispazji pubbliċitarji li jinsabu fuq u ġewwa l-lattrini kif ukoll f'postijiet pubbliċi oħra fit-territorju tal-iStadt Frankfurt.

12 Fl-4 ta' Lulju 2003, l-iStadt Frankfurt stiednet lill-impriżi interessati sabiex jagħmlu offerta. Ma' din l-istedina kien anness abbozz ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi, li l-Artikoli 18(2) u 30(4) tiegħu kienu jipprovdu li bidla ta' subappaltatur kienet awtorizzata biss bil-kunsens ta' din il-belt.

13 Wall, FES u tliet impriżi oħra, li wkoll huma stabbiliti fil-Ġermanja, ippreżentaw offerti.

14 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fl-abbozz imħejji minn FES għall-offerta tagħha, din l-impriża tat l-indikazzjonijiet segwenti: "Punti preliminari — [...] Is-sejħa għal offerta [tal-iStadt Frankfurt] tagħti lil FES il-possibbiltà li ġġedded, permezz ta' soċju kapaċi u ta' esperjenza bħal [Wall], kemm il-materjal kif ukoll in-netwerk ta' provvista tal-latrini pubbliċi, kif ukoll li tippreżenta finanzjament mill-ġdid realista u responsabbli fil-konfront tal-impjegati [...]. Galluswarte — [...] Bi ftehim mal-awtoritajiet, City-WC kompletament awtomatizzat ta' [Wall] ser jiġi integrat fil-pont tat-trenn suburban [...]. Stazzjoni ta' Rödelheim — Peress li l-latrini tal-istazzjonijiet ferrovjarji ta' Rödelheim ser jiġu distrutti fil-kuntest tal-arranġament mill-ġdid tal-lokal, City-WC kompletament awtomatizzat ta' [Wall] ser jiġi integrat, inkonformità mal-pjanti eżistenti [...]. Proġett fil-qasam tas-sigurtà — [...] Is-City-WCs għandhom

mekkaniżmu ta' tindif kompletament awtomatiku. Proġett fil-qasam pubblicitarju — [...] Il-kummerċjalizzazzjoni tal-ispazji pubblicitarji hija operata permezz ta' soċju ta' FES, [Wall], speċjalist fil-qasam pubblicitarju li għandu ħafna esperjenza u li huwa attiv mad-dinja kollha [...]. Mezzi pubblicitarji użati — Ser jintużaw il-prodotti moderni u estetiċi ta' [Wall] [...]"

15 Wall hija proprjetarja ta' diversi privattivi li jikkonċernaw il-funzjonament tas-"City-WC".

16 Fit-18 ta' Marzu 2004, Wall ġiet eskluża mill-proċedura għall-għoti, u l-offerta tagħha ġiet miċħuda.

17 Fid-9 ta' Ġunju 2004, il-konċessjoni ngħatat lil FES. Kuntratt korrispondenti ġie konkluż bejn din tal-aħħar u l-iStadt Frankfurt fl-20 u t-22 ta' Lulju 2004, u huwa validu sal-31 ta' Diċembru 2019 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt ta' konċessjoni"). Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, il-proġetti ta' FES li rriżultaw min-negozjati kienu s-suġġett ta' ftehim integrat f'dan il-kuntratt. Madankollu, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-iStadt Frankfurt issostni li l-informazzjoni inkluża fil-proġett ta' FES ma ġietx integrata fil-kontenut tal-kuntratt ta' konċessjoni. L-unika ħaġa li ġiet integrata kienet l-indikazzjoni ta' Wall fost is-subappaltaturi ta' FES.

18 Mill-eżami tat-test tal-kuntratt ta' konċessjoni, li ġie ppreżentat flimkien mal-proċess nazzjonali, jirriżulta li Wall hija identifikata bħala subappaltatur mingħajr ma ġew inklużi dettalji oħra dwar il-prodotti jew is-servizzi tagħha f'dan il-kuntratt.

19 L-Artikolu 18(2) tal-kuntratt ta' konċessjoni jipprovdi li FES għandha twettaq ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-latrini pubbliċi permezz tar-riżorsi tagħha stess u/jew permezz ta' subappaltaturi, li fosthom tissemma Wall. Din id-dispożizzjoni tipprovdi li bidla ta' subappaltatur tista' ssir biss fuq awtorizzazzjoni bil-miktub mill-iStadt Frankfurt.

20 L-Artikolu 30(4) tal-istess kuntratt jippreċiża li Wall hija s-subappaltatur ta' FES għas-servizzi pubbliċitarji koperti mill-konċessjoni kkonċernata. Skont din id-dispożizzjoni, bidla ta' subappaltatur hija permessa biss fuq awtorizzazzjoni bil-miktub mill-iStadt Frankfurt.

21 Fil-5 ta' Jannar 2005, Wall ġiet mistiedna minn FES sabiex tippreżenta offerta għas-servizzi pubbliċitarji li kienu s-suġġett tal-konċessjoni mogħtija lil din tal-aħħar. FES stiednet ukoll lill-impriża Deutsche Städte Medien GmbH (iktar 'il quddiem "DSM") sabiex tissottometti tali offerta.

22 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ġunju 2005, FES għalhekk talbet lill-iStadt Frankfurt tagħti l-kunsens tagħha għal bidla ta' subappaltatur favur DSM fir-rigward tal-użu tal-materjal pubbliċitarju. Din il-belt tat il-kunsens tagħha għal din il-bidla ta' subappaltatur fil-21 ta' Ġunju 2005.

23 FES attribwiet is-servizzi msemmija lil DSM u, fil-21 ta' Ġunju 2005, hija kkonkludiet ma' din tal-aħħar kuntratt li kien jipprevedi l-ħlas, minn DSM lil FES, ta' remunerazzjoni annwali ta' EUR 786 206.

24 Fit-28 ta' Lulju 2005, FES talbet offerta dwar il-provvista ta' żewġ "Wall-City-WC". Wall issottomettiet offerta, iżda fis-7 ta' Settembru 2005, hija ġiet informata minn FES li din tal-aħħar kienet irċeviet offerta iktar kompetittiva u li, għaldaqstant, FES ma setgħatx tieħu inkunsiderazzjoni l-offerta ta' Wall.

25 Permezz ta' ittra tal-10 ta' Ottubru 2005, FES talbet lill-iStadt Frankfurt tagħti l-kunsens tagħha għal bidla ta' subappaltatur, inkonformità mal-kuntratt ta' konċessjoni, sabiex dawn il-latrini pubbliċi ma jiġux pprovduti minn Wall iżda minn kumpanniji oħra.

26 Fid-19 ta' Diċembru 2005, l-iStadt Frankfurt wieġbet lil FES li ma kienx meħtieġ li l-kwistjoni tal-bidla tal-appaltatur għal-latrini pubbliċi titressaq quddiemha peress li fil-fehma tagħha FES xtaqet li, minn dak il-mument, twettaq ix-xogħlijiet permezz tar-riżorsi tagħha stess u taħt ir-responsabbiltà tagħha biss. L-iStadt Frankfurt ħadet din l-opportunità sabiex tippreċiża li hija kienet qiegħda tikkunsidra li r-rekwiżiti deskritti fid-dokumenti kuntrattwali kienu ser jiġu osservati.

27 Wall ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju fejn talbet li dik il-qorti tordna lil FES tastjeni, minn naħa, milli teżegwixxi l-kuntratt fir-rigward tas-servizzi pubbliċitarji konklużma' DSM u, min-naħa l-oħra, milli tikkonkludi ma' terzi u/jew milli teżegwixxi kuntratt dwar il-bini ta' żewġ latrini pubbliċi li kellhom jinbnew mill-ġdid. Wall talbet ukoll li l-iStadt Frankfurt tiġi ordnata tastjeni milli tagħti l-kunsens tagħha għall-konklużjoni ta' kuntratt bejn FES u parti li ma tkunx Wall stess fir-rigward tal-bini ta' dawn iż-żewġ lattrini pubbliċi. Sussidjarjament, Wall talbet li l-iStadt Frankfurt u FES jiġu kkundannati, *in solidum*, iħallsuha s-somma ta' EUR 1038682.12, bl-interessi.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Frankfurt am Main iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-prinċipju ta' trattament ugwali u l-prinċipju Komunitarju ta' non-diskriminazzjoni fuq il-bażi taċ-ċittadinanza, stabbiliti mill-Artikoli 12, 43 u 49 KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dmirijiet ta' trasparenza li jirriżultaw minnhom għall-awtoritajiet pubbliċi u li jikkonsistu fil-ftuħ, għall-għoti tal-konċessjonijiet ta' servizzi, tal-kompetizzjoni b'livell ta' reklamar xieraq u li jippermetti l-kontroll ta' l-imparzjalità tal-proċedura ta' għoti (ara s-sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2000, Telaustria u Telefonadress, C-324/98, Ġabra p. I-10745, punti 60 sa 62; tal-21 ta' Lulju 2005, Coname, C-231/03, Ġabra p. I-7287, punti 17 sa 22; tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen, C-458/03, Ġabra p. I-8585, punti 46 sa 50; tas-6 ta' April 2006, ANAV, C-410/04, Ġabra p. I-3303, punt 21; u tat-13 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-260/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra [Ġabra p. I-7083], punt 24) jeżiġu li d-dritt nazzjonali għandu jagħti lill-offerent li l-offerta tiegħu ma tintlaqax id-dritt li jikseb inġunzjoni [ordni] sabiex jipprevjeni ksur imminenti ta' dawn id-dmirijiet u/jew sabiex tali ksur jiġi mitmum?

2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda preliminari: id-dmirijiet ta' trasparenza fuq imsemmija jirriżultaw mid-dritt konswetudinarju tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens li huma diġà applikati b'mod kostanti u kontinwu, uniformi u ġeneriku, u rikonoxxuti bħala regoli vinkolanti mis-suġġetti għad-dritt ikkonċernati?

3) Id-dmirijiet ta' trasparenza msemmija fl-ewwel domanda preliminari jimponu wkoll, meta hija prevista emenda għal kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi - inkluż meta din l-emenda hija intiża għall-bdil ta' sub-kuntrattur [subappaltatur] speċifiku, li kien hemm enfażi fuqu matul il-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt -, li n-negozjati jinfetħu mill-ġdid għall-kompetizzjoni bil-garanzija ta' livell ta' reklamar xieraq u, jekk ikun il-każ, skond liema metodi għandu jiġi mwettaq tali ftuħ għall-kompetizzjoni?

4) Il-prinċipji u d-dmirijiet ta' trasparenza msemmija fl-ewwel domanda preliminari għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' nuqqas fir-rigward tal-konċessjoni ta' servizzi, il-kuntratt konkluż wara dan in-nuqqas u li huwa intiż sabiex joħloq jew jemenda obbligu ta' teriminu mhux definit għandu jiġi xolt?

5) Il-prinċipji u d-dmirijiet ta' trasparenza msemmija fl-ewwel domanda preliminari u l-Artikolu 86(1) KE, meħuda flimkien, jekk ikun il-każ ma' l-Artikolu 2(1)(b) u (2) tad-Direttiva tal-Kummissjoni [80/723] u l-Artikolu 1(9) tad-Direttiva [2004/18] għandhom jiġu interpretati fis-sens li impriża, inkwantu impriża pubblika jew awtorità aġġudikatriċi [kontraenti], hija suġġetta għal dawn id-dmirijiet ta' trasparenza meta:

— hija ġiet stabbilita minn awtorità reġjonali [jew lokali] għar-rimi ta' l-iskart u għat-tindif tat-toroq, iżda li hija wkoll attiva fis-suq liberu;

— hija l-propjetà ta' din l-awtorità reġjonali [jew lokali] għal 51 %, iżda d-deċiżjonijiet ta' tmexxija jistgħu jiġu adottati biss b'maġġoranza ta' tliet kwarti;

— din l-awtorità reġjonali [jew lokali] taħtar biss kwart tal-membri tal-kunsill [bord] ta' superviżjoni ta' l-impriża in kwistjoni, inkluż il-president tal-kunsill [bord] ta' superviżjoni; u meta

— iktar min-nofs id-dħul mill-bejgħ tagħha ġej minn kuntratti bilaterali dwar r-rimi ta' l-iskart u t-tindif tat-toroq fuq it-territorju ta' din l-awtorità reġjonali [jew lokali], li tiffinanzjahom permezz tat-taxxi lokali mħallsa mir-residenti tagħha?"

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjoni preliminari

29 Il-proċeduri fil-kawża prinċipali jikkonċernaw żewġ avvenimenti, jiġifieri, minn naħa, id-deċiżjoni li permezz tagħha FES bidlet subappaltatur għas-servizzi pubbliċitarji li kienu s-suġġett tal-konċessjoni mogħtija lil din tal-aħħar mill-iStadt Frankfurt, bil-kuntratt li kkonferma din il-bidla konkluż, bil-ftehim ta' din tal-aħħar, fil-21 ta' Ġunju 2005, u, min-naħa l-oħra, l-intenzjoni ta' FES li tattribwixxi l-bini mill-ġdid ta' żewġ latrini pubbliċi lil operatur ieħor minflok lil Wall. Din l-intenzjoni ntweriet f'ittra tal-10 ta' Ottubru 2005 li permezz tagħha FES talbet lill-iStadt Frankfurt tagħti l-kunsens tagħha għal bidla ta' subappaltatur għal dan is-servizz. Permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2005, din il-belt wieġbet lil FES u informatha li ma kienx meħtieġ li l-kwistjoni tal-bidla tal-appaltatur għal-latrini pubbliċi titressaq quddiemha peress li fil-fehma tagħha FES xtaqet li, minn dak il-mument, twettaq ix-xogħlijiet permezz tar-riżorsi tagħha stess u taħt ir-responsabbiltà tagħha biss. Fid-deċiżjoni tar-rinviju

din it-tweġiba hija interpretata fis-sens li l-iStadt Frankfurt tat il-kunsens tagħha għall-bidla ta' subappaltatur għall-provvista ta' żewġ latrini pubbliċi. Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni, għall-finijiet tal-eżami tat-talba għal deċiżjoni preliminari, id-data li għandha tittieħed bħala d-data ta' referenza hija d-19 ta' Diċembru 2005, id-data tal-ittra li permezz tagħha l-iStadt Frankfurt hija meqjusa li tat il-kunsens tagħha għall-bidla ta' subappaltatur mitluba minn FES.

Fuq it-tielet domanda

30 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tiġi kkunsidrata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, stabbiliti fl-Artikoli 12 KE, 43 KE u 49 KE, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom, jeżiġux, meta tkun prevista emenda għal kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi — inkluż meta din l-emenda hija intiża għall-bdil ta' subappaltatur speċifiku, li kien hemm enfażi fuqu matul il-proċedura għall-għoti tal-kuntratt —, li n-negozjati jinfetħu mill-ġdid għall-kompetizzjoni bil-garanzija ta' livell ta' pubblikazzjoni xieraq u, jekk ikun il-każ, skont liema metodi għandu jitwettaq tali ftuħ għall-kompetizzjoni.

31 Din id-domanda tikkonċerna l-applikazzjoni tar-regoli u l-prinċipji msemmija fil-punt preċedenti għal sitwazzjoni fejn, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi, ikun ippjanat li jinbidel wieħed mis-subappaltaturi tal-parti li tkun ingħatat il-konċessjoni.

32 Peress li l-Artikoli 43 KE u 49 KE jikkostitwixxu applikazzjonijiet speċifiċi tal-projbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza stabbilita fl-Artikolu 12 KE, sabiex tingħata risposta għal din id-domanda ma huwiex meħtieġ li jsir riferiment għal dan l-artikolu tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et*, C-397/98 u C-410/98, Ġabra p. I-1727, punti 38 u 39, kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2008, Lammers & Van Cleeff, C-105/07, Ġabra p. I-173, punt 14).

33 Fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, il-kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi ma huma rregolati minn ebda waħda mid-direttivi li permezz tagħhom il-leġiżlatur tal-Unjoni rregola l-qasam tal-kuntratti pubbliċi (ara s-sentenzi Coname, punt 16 iktar 'il fuq, u tas-17 ta' Lulju 2008, ASM Brescia, C-347/06, Ġabra p. I-5641, punt 57). Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi li jikkonkludu tali kuntratti huma obbligati jirrispettaw ir-regoli fundamentali tat-Trattat KE, b'mod partikolari l-Artikoli 43 KE u 49 KE, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Telaustria u Telefonadress, punti 60 sa 62; Coname, punti 16 sa 19, u Parking Brixen, punti 46 sa 49).

34 Dan l-obbligu ta' trasparenza japplika fl-eventwalità li l-konċessjoni ta' servizzi kkonċernata tista' tinteressa lil impriża li tinsab fi Stat Membru differenti minn dak li fih tingħata din il-konċessjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Coname, punt 17 iktar 'il fuq; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-507/03, Ġabra p. I-9777, punt 29, u tal-21 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-412/04, Ġabra p. I-619, punt 66).

35 Il-fatt li, fil-kawża prinċipali, il-konċessjoni ta' servizzi tista' tinteressa lil impriżi li jinsabu fi Stat Membru differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju sa fejn il-qorti nazzjonali tikkonstata li s-sejħa għal kandidaturi tħabbret fil-ġurnal uffiċjali tal-iStadt Frankfurt "fuq livell tal-Unjoni Ewropea" u sa fejn il-qorti msemmija tikkunsidra li ksur tal-obbligu ta' trasparenza jista' jikkostitwixxi diskriminazzjoni magħmula, minn tal-inqas potenzjalment, għad-detriment tal-impriżi tal-Istati Membri l-oħra.

36 L-obbligu ta' trasparenza li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi li jikkonkludu kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi jimplika li jiġi ggarantit, favur kull offerent potenzjali, livell ta' pubblikazzjoni xieraq li jippermetti l-ftuħ tal-konċessjoni ta' servizzi għall-kompetizzjoni kif ukoll l-istħarriġ tal-imparzjalità tal-proċeduri għall-għoti (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Telaustria u Telefonadress, punti 60 sa 62; Parking Brixen, punti 46 sa 49, u ANAV, punt 21).

37 Bil-għan li jiġu żgurati t-trasparenza tal-proċeduri u t-trattament ugwali tal-offerenti, emendi sostanzjali fid-dispożizzjonijiet essenzjali ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi jistgħu jammontaw, f'ċerti sitwazzjonijiet, għall-għoti ta' kuntratt ta' konċessjoni ġdid meta jkollhom karatteristiċi sostanzjalment differenti minn dawk tal-kuntratt ta' konċessjoni inizjali u jkunu, għaldaqstant, ta' natura li juru r-rieda tal-partijiet li jinnegozjaw mill-ġdid it-termini essenzjali ta' dan il-kuntratt (ara, b'analoġija mal-kuntratti pubbliċi, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Kummissjoni vs Franza, C-337/98, Ġabra p. I-8377, punti 44 u 46, kif ukoll tad-19 ta' Ġunju 2008, pressetext Nachrichtenagentur, C-454/06, Ġabra p. I-4401, punt 34).

38 L-emenda ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi matul il-perijodu ta' validità tiegħu tista' titqies bħala sostanzjali meta tintroduċi kundizzjonijiet li, li kieku kienu preżenti fil-proċedura għall-għoti inizjali, kienu jippermettu l-ammissjoni ta' offerenti differenti minn dawk inizjalment ammessi jew kienu jippermettu li tintlaqa' offerta differenti minn dik inizjalment magħżula (ara, b'analoġija, is-sentenza pressetext Nachrichtenagentur, punt 35 iktar 'il fuq).

39 Bidla ta' subappaltatur, anki meta l-possibbiltà ta' tali bidla tkun prevista fil-kuntratt, tista', f'każijiet eċċezzjonali, tikkostitwixxi tali emenda ta' wieħed mill-elementi essenzjali tal-kuntratt ta' konċessjoni meta l-użu ta' subappaltatur minflok ieħor kien, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-prestazzjoni inkwistjoni, element determinanti tal-konklużjoni tal-kuntratt, ħaġa din li fi kwalunkwe każ għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

40 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, fl-abbozz mehmuż mal-offerta sottomessa lill-iStadt Frankfurt minn FES, din tal-aħħar indikat li hija kienet ser tuża s-"City-WC" ta' Wall. Skont dik il-qorti, huwa probabbli li, f'tali każ, il-konċessjoni ngħatat lil FES minħabba l-identità tas-subappaltatur li FES kienet ippreżentat.

41 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi jekk jeżistux is-sitwazzjonijiet deskritti fil-punti 37 sa 39 ta' din is-sentenza.

42 Jekk, fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li kien hemm emenda ta' wieħed mill-elementi essenzjali tal-kuntratt ta' konċessjoni, ikun hemm lok li jiġu adottati, skont is-sistema legali interna tal-Istat Membru kkonċernat, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid it-trasparenza fil-proċedura, inkluż proċedura għall-għoti ġdida. Jekk ikun il-każ, il-proċedura għall-għoti ġdida għandha tiġi organizzata skont modalitajiet aġġustati għall-karatteristiċi speċifiċi tal-konċessjoni ta' servizzi inkwistjoni u għandha tippermetti li impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru jkun jista' jkollha aċċess għal informazzjoni adegwata dwar din il-konċessjoni qabel ma din tingħata.

43 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li, meta emendi fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi jkollhom karatteristiċi sostanzjalment differenti minn dawk li kienu ġġustifikaw l-għoti tal-kuntratt ta' konċessjoni inizjali u jkunu, għaldaqstant, ta' natura li juru r-rieda tal-partijiet li jinnegozjaw mill-ġdid it-termini essenzjali ta' dan il-kuntratt, ikun hemm lok li jiġu adottati, skont is-sistema legali interna tal-Istat Membru kkonċernat, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid it-trasparenza fil-proċedura, inkluż proċedura għall-għoti ġdida. Jekk ikun il-każ, il-proċedura għall-għoti ġdida għandha tiġi organizzata skont modalitajiet aġġustati għall-karatteristiċi speċifiċi tal-konċessjoni ta' servizzi inkwistjoni u għandha tippermetti li impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru jkun jista' jkollha aċċess għal informazzjoni adegwata dwar din il-konċessjoni qabel ma din tingħata.

Fuq il-ħames domanda

44 Permezz tal-ħames domanda tagħha, li għandha tiġi kkunsidrata fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk, fid-dawl tal-Artikolu 86(1) KE, ikkunsidrat flimkien, jekk ikun il-każ, mal-Artikolu 2(1)(b) u (2) tad-Direttiva 80/723 u mal-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2004/18, impriża li tingħata konċessjoni u li jkollha karatteristiċi bħal dawk ta' FES hijiex marbuta mill-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikoli 43 KE u 49 KE kif ukoll mill-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza meta tikkonkludi kuntratt dwar servizzi li jaqgħu fil-portata tal-konċessjoni li tkun ingħatatilha mill-awtorità pubblika.

45 B'mod iktar preċiż, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 86(1) KE huwiex rilevanti sabiex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi obbligu ta' trasparenza.

46 Fir-rigward tal-Artikolu 86(1) KE, huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li din id-dispożizzjoni hija indirizzata lill-Istati Membru u mhux direttament lill-impriżi.

47 Sabiex jiġi stabbilit jekk entità li jkollha karatteristiċi bħal dawk ta' FES tistax tiġi ekwiparata għal awtorità pubblika marbuta mill-obbligu ta' trasparenza, għandu jsir riferiment għal ċerti aspetti tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "awtorità kontraenti" li tinsab fl-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 92/50, dwar il-kuntratti pubbliċi għal servizzi, sa fejn dawn l-aspetti jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-applikazzjoni tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikoli 43 KE u 49 KE għall-konċessjonijiet ta' servizzi.

48 Fil-fatt, dawn l-artikoli tal-aħħar u l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom, għandhom għanijiet identiċi għal dawk tad-direttiva msemmija, b'mod partikolari fir-rigward tal-moviment liberu tas-servizzi u l-ftuħ għal kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fl-Istati Membri.

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi vverifikat jekk humiex sodisfatti żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, li l-impriża kkonċernata hija effettivament ikkontrollata mill-Istat jew minn awtorità pubblika oħra u, min-naħa l-oħra, li din l-impriża ma toperax f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni fis-suq.

50 Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, minkejja li l-iStadt Frankfurt iżżomm 51 % mill-kapital ta' FES, dan is-sehem ma jippermettilhiex tikkontrolla effettivament l-amministrazzjoni ta'

din l-impriża. Fil-fatt, maġġoranza ta' tliet kwarti mill-voti fil-laqgħa ġenerali hija meħtieġa għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar.

51 Barra minn hekk, is-sehem rimanenti ta' 49 % mill-kapital ta' FES ma huwiex miżmum minn awtorità jew awtoritajiet pubbliċi oħra iżda minn impriża privata li, bħala tali, tfittex li taqdi kunsiderazzjonijiet marbuta ma' interessi privati u għandha għanijiet differenti mill-interess pubbliku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2005, Stadt Halle u RPL Lochau, C-26/03, Ġabra p. I-1, punt 50).

52 Barra minn hekk, fi ħdan il-bord ta' superviżjoni ta' FES, l-iStadt Frankfurt għandha biss kwart tal-voti. Il-fatt li din tal-aħħar għandha d-dritt tipproponi kandidat għall-pożizzjoni ta' president tal-bord ta' superviżjoni ta' din l-impriża, li l-vot tiegħu jkun vot deċiżiv fil-każ li n-numru ta' voti jkunu ndaqs, ma huwiex biżżejjed sabiex din tkun tista' teżerċita influwenza determinanti fuq FES.

53 F'tali ċirkustanzi, il-kundizzjoni dwar il-kontroll effettiv mill-Istat jew minn awtorità pubblika oħra ma hijiex sodisfatta.

54 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni msemmija fil-punt 49 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju tosserva li iktar min-nofs tad-dħul mill-bejgħ ta' FES jirriżulta minn kuntratti sinallagmatiċi dwar ir-rimi tal-iskart u t-tindif tat-toroq fit-territorju tal-iStadt Frankfurt.

55 Tali rabta għandha tiġi ekwiparata għal dik li teżisti fir-relazzjonijiet kummerċjali normali li jiżviluppaw fil-kuntest ta' kuntratti ta' natura sinallagmatika li jkunu ġew innegozjati b'mod liberu bejn diversi kontraenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, University of Cambridge, C-380/98, Ġabra p. I-8035, punt 25).

56 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jista' jiġi dedott li FES teżerċita l-attivitajiet tagħha f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni fis-suq, kif jirriżulta, minn naħa, mill-fatt li tikseb parti sostanzjali mid-dħul tagħha minn attivitajiet ma' awtoritajiet pubbliċi differenti mill-iStadt Frankfurt u ma' impriżi privati li joperaw fis-suq u, min-naħa l-oħra, mill-fatt li hija kellha tikkompeti ma' impriżi oħra sabiex tikseb il-konċessjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

57 F'tali ċirkustanzi, lanqas it-tieni kundizzjoni meħtieġa sabiex impriża tiġi ekwiparata għal awtorità pubblika ma hija sodisfatta.

58 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eventwali applikabbiltà tad-Direttiva 80/723.

59 Sa fejn tkopri t-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi, din id-direttiva, bħala tali, ma tapplikax għas-suġġett tal-ħames domanda.

60 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li meta impriża li tkun ingħatat konċessjoni tikkonkludi kuntratt dwar servizzi li jaqgħu fil-portata tal-konċessjoni mogħtija lilha minn awtorità reġjonali jew lokali, l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikoli 43 KE u 49 KE, kif ukoll mill-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, ma japplikax jekk din l-impriża:

— kienet ġiet inkorporata minn din l-awtorità reġjonali jew lokali għall-finijiet tar-rimi tal-iskart u tat-tindif tat-toroq iżda topera wkoll fis-suq;

— hija miżmuma, sa livell ta' 51 %, mill-imsemmija awtorità reġjonali jew lokali iżda d-deċiżjonijiet amministrattivi ma jistgħux jiġu adottati mingħajr maġġoranza ta' tliet kwarti tal-voti tal-laqgħa ġenerali ta' din l-impriża;

— ikollha biss kwart mill-membri tal-bord ta' superviżjoni, inkluż il-president ta' dan il-bord, maħtura minn din l-istess awtorità reġjonali jew lokali, u

— takkwista iktar min-nofs id-dħul mill-bejgħ tagħha minn kuntratti sinallagmatiċi dwar ir-rimi tal-iskart u t-tindif tat-toroq fit-territorju tal-imsemmija awtorità reġjonali jew lokali, kuntratti li din tal-aħħar tiffinanzja permezz tat-taxxi lokali mħallsa mir-residenti fit-territorju tagħha.

Fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba' domandi

61 Permezz tal-ewwel, it-tieni u r-raba' domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, stabbiliti fl-Artikoli 43 KE u 49 KE, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom, jobbligawx, minn naħa, lill-awtoritajiet nazzjonali jxolju kuntratt konklużbi ksur tal-imsemmi obbligu ta' trasparenza u, min-naħa l-oħra, lill-qrati nazzjonali jagħtu lill-offerent li l-offerta tiegħu ma ntlaqgħatx id-dritt li jikseb ordni sabiex jiġi evitat ksur imminenti jew sabiex jitwaqqaf ksur li diġà seħħ ta' dan l-obbligu. Il-qorti nazzjonali qiegħda tistaqsi wkoll jekk dan l-obbligu jistax jitqies li jagħmel parti mid-dritt konswetudinarju tal-Unjoni.

62 Kif diġà ġie enfasizzat fil-punt 33 ta' din is-sentenza, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, il-kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi ma huma rregolati b'ebda waħda mid-direttivi li jirregolaw il-qasam tal-kuntratti pubbliċi.

63 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, hija s-sistema legali interna ta' kull Stat Membru li għandha tirregola r-rimedji legali maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Tali rimedji ma għandhomx ikunu inqas favorevoli mir-rimedji simili ta' natura interna (prinċipju tal-ekwivalenza) u ma għandhomx jagħmlu l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mis-sistema legali tal-Unjoni prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Unibet, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43, u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Minn dan isegwi li l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, stabbiliti fl-Artikoli 43 KE u 49 KE, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom, ma jobbligawx lill-awtoritajiet nazzjonali jxolju kuntratt u lanqas lill-qrati nazzjonali jagħtu ordni f'kull każ ta' allegat ksur ta' dan l-obbligu fl-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi. Hija s-sistema legali interna li għandha tirregola r-rimedji legali maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt dan l-obbligu, b'tali mod li dawn ir-rimedji ma jkunux inqas favorevoli mir-rimedji legali simili ta' natura interna u lanqas ma jagħmlu l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

66 Il-qorti tar-rinviju tqajjem, fl-aħħar nett, domanda oħra. Skont din il-qorti, żvilupp tad-dritt mill-qrati biss ma jistax jikkostitwixxi liġi ta' protezzjoni li tkun il-bażi ta' responsabbiltà taħt il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż (Bürgerliches Gesetzbuch). Id-dritt konswetudinarju biss jista' jikkostitwixxi dispożizzjoni legali fis-sens ta' dan il-kodiċi. Filwaqt li tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti kostituzzjonali), il-qorti tar-rinviju ssostni li r-rikonoxximent tad-dritt konswetudinarju jeħtieġ użu fit-tul, kontinwu, kostanti, uniformi u ġenerali, kif ukoll l-aċċettazzjoni tiegħu bħala regola vinkolanti mill-individwi kkonċernati.

67 Madankollu, għall-qorti nazzjonali, l-obbligu ta' trasparenza fformulat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa tant reċenti li ma jistax jiġi kkunsidrat li għandu l-istatus ta' dritt konswetudinarju, kif iddefinit fil-punt preċedenti.

68 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-obbligu ta' trasparenza jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mill-Artikoli 43 KE u 49 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Coname, punti 17 sa 19 iktar 'il fuq). Dawn id-dispożizzjonijiet, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tagħha, għandhom effett dirett fis-sistema legali interna tal-Istati Membri u għandhom preċedenza fuq kull dispożizzjoni kuntrarja tad-dritt nazzjonali.

69 Skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(3) TUE, huma l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri li għandhom jiżguraw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet legali tal-Unjoni fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, Kempter, C-2/06, Ġabra p. I-411, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti lil-liġi nazzjonali li hija għandha tapplika, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni u li tippermetti, b'mod partikolari, li tiġi żgurata l-osservanza tal-obbligu ta' trasparenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2003, Santex, C-327/00, Ġabra p. I-1877, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel, it-tieni u r-raba' domandi hija li l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, stabbiliti fl-Artikolu 43 KE u 49 KE, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom, ma jobbligawx lill-awtoritajiet nazzjonali jxolju kuntratt u lanqas lill-qrati nazzjonali jagħtu ordni f'kull każ ta' allegat ksur ta' dan l-obbligu fl-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi. Hija s-sistema legali interna li għandha tirregola r-rimedji legali maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt dan l-obbligu, b'tali mod li dawn ir-rimedji ma jkunux inqas favorevoli mir-rimedji legali simili ta' natura interna u lanqas ma

jagħmlu l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli. L-obbligu ta' trasparenza jirriżulta direttament mill-Artikoli 43 KE u 49 KE, li għandhom effett dirett fis-sistemi legali interni tal-Istati Membri u għandhom preċedenza fuq kull dispożizzjoni kuntrarja tad-dritt nazzjonali.

Fuq l-ispejjeż

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Meta emendi fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi jkollhom karatteristiċi sostanzjalment differenti minn dawk li kienu ġġustifikaw l-għoti tal-kuntratt ta' konċessjoni inizjali u jkunu, għaldaqstant, ta' natura li juru r-rieda tal-partijiet li jinnegozjaw mill-ġdid it-termini essenzjali ta' dan il-kuntratt, ikun hemm lok li jiġu adottati, skont is-sistema legali interna tal-Istat Membru kkonċernat, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid it-trasparenza fil-proċedura, inkluż proċedura għall-għoti ġdida. Jekk ikun il-każ, il-proċedura għall-għoti ġdida għandha tiġi organizzata skont modalitajiet aġġustati għall-karatteristiċi speċifiċi tal-konċessjoni ta' servizzi inkwistjoni u għandha tippermetti li impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru jkun jista' jkollha aċċess għal informazzjoni adegwata dwar din il-konċessjoni qabel ma din tingħata.**

2) **Meta impriża li tkun ingħatat konċessjoni tikkonkludi kuntratt dwar servizzi li jaqgħu fil-portata tal-konċessjoni mogħtija lilha minn awtorità reġjonali jew lokali, l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta mill-Artikoli 43 KE u 49 KE,**

kif ukoll mill-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza ma japplikax jekk din l-impriża:

— **kienet ġiet inkorporata minn din l-awtorità reġjonali jew lokali għall-finijiet tar-rimi tal-iskart u tat-tindif tat-toroq iżda topera wkoll fis-suq;**

— **hija miżmuma, sa livell ta' 51 %, mill-imsemmija awtorità reġjonali jew lokali iżda d-deċiżjonijiet amministrattivi ma jistgħux jiġu adottati mingħajr maġġoranza ta' tliet kwarti tal-voti tal-laqgħa ġenerali ta' din l-impriża;**

— **ikollha biss kwart mill-membri tal-bord ta' superviżjoni, inkluż il-president ta' dan il-bord, maħtura minn din l-istess awtorità reġjonali jew lokali, u**

— **takkwista iktar min-nofs id-dħul mill-bejgħ tagħha minn kuntratti sinallagmatiċi dwar ir-rimi tal-iskart u t-tindif tat-toroq fit-territorju tal-imsemmija awtorità reġjonali jew lokali, kuntratti li din tal-aħħar tiffinanzja permezz tat-taxxi lokali mħallsa mir-residenti fit-territorju tagħha.**

3) **Il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, stabbiliti fl-Artikolu 43 KE u 49 KE, kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom, ma jobbligawx lill-awtoritajiet nazzjonali jxolju kuntratt u lanqas lill-qrati nazzjonali jagħtu ordni f'kull każ ta' allegat ksur ta' dan l-obbligu fl-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi. Hija s-sistema legali interna li għandha tirregola r-rimedji legali maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt dan l-obbligu,**

b'tali mod li dawn ir-rimedji ma jkunux inqas favorevoli mir-rimedji legali simili ta' natura interna u lanqas ma jagħmlu l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli. L-obbligu ta' trasparenza jirriżulta direttament mill-Artikoli 43 KE u 49 KE, li għandhom effett dirett fis-sistemi legali interni tal-Istati Membri u għandhom preċedenza fuq kull dispożizzjoni kuntrarja tad-dritt nazzjonali.

Firem